# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2023

**Rik. Nru. 15/2023 ISB**

**Av. Antonio Ghio** (numru tal-karta tal-identita' 358977M) bħala mandatarju speċjali ta' **Dassault Systemes SolidWorks Corporation,** soċjeta' estera nkorporata f'Delaware, Stati Uniti u b'indirizz ta' 175, Wyman St., Waltham, MA, 02451, L-Stati Uniti

**vs**

**Sentech Malta FP Limited,** kumpanija reġistrata f'Malta bin-numru C 44615, b'indirizz ta' F13, Leiden Centre, Mosta Technopark, Mosta, MST 3000

**Il-Qorti,**

Rat **__ir-rikors__** ta' **Av. Antonio Ghio** (numru tal-karta tal-identita' 358977M) bħala mandatarju speċjali ta' **Dassault Systemes SolidWorks Corporation,** pprezentat fid-9 ta' Jannar 2023, li permezz tieghu wara li ppremettet dak hemmek premess, talbet sabiex:

*(1) Tordna l-ħatra tal-espert tekniku reġistrat mal-Qrati, lis-Sur Keith Cutajar,* ***mail@kcutajar.com****, u kwalunkwe persuna mqabbdha minnu sabiex tassistih sabiex jakkumpanja lill-marixxalli tal-Qorti u jwettaq l-inkarigu skond kif ordnat hawn isfel;*

*(2) Tordna w tawtorizza l-espert tekniku jingħata kopja tad-dokumenti kunfidenzjali mmarkati "PB1" u "PB2" annessi separatament mar-rikors ad hoc li jitlob għall-kunfidenzjalita, preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ghall-ħruġ ta' miżuri proviżorji;*

*(3) Tordna w tawtoriżża t-teħid ta' deskrizzjoni dettaljata in ġenerali kif ukoll ai termini taċ-checklist annessa Dok "CH1" immirata sabiex tassigura l-eżistenza ta' installazzjoni tal-programm għall-computer magħruf bħala SolidWorks, minn kwalkunwe makkinarju inkluż computer desktops, laptops, servers, hard drives, pendrives inkluż kwalunkwe digital storage medium li jinstab għand l-intimata, it-twettiq ta' estrazzjoni u d-depożitu ta' kopja ta' din l-estrazzjoni f'idejn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artiklu 6(1) tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(4) Tordna w tawtoriżża t-teħid ta' deskrizzjoni in ġenerali kif ukoll ai termini taċ-checklist annessa Dok "CH1" tal-makkinarju li fuqu jinstabu istanzi jew kopji tal-programm għall-computer maghruf bhala SolidWorks kif ukoll ta' mizuri teknoloġiċi li jqarqu u jikkontravjenu miżuri teknoloġiċi effettivi intiżi sabiex jipproteġu l-programm għall-computer, SolidWorks minngħand l-intimata permezz ta' għodda forensika, it-twettiq ta' estrazzjoni u d-depożitu ta' kopja ta' din l-estrazzjoni f'idejn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artiklu 6(1) tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(5) Tordna w tawtoriżża l-espert tekniku sabiex ikun jista jivverifika kwalunkwe tneħħija, kanċellazzjoni kif ukoll traċċi ta' attivita relatata kemm mal-programm għall-computer, SolidWorks kif ukoll ta' miżuri teknoloġiċi li jqarqu u jikkontravjenu miżuri teknoloġiċi effettivi intiżi sabiex jipproteġu l-programm għall-computer, SolidWorks u dana tenut kont tar-riskju ta' tbabis anke waqt li l-espert tal-Qorti jkun qed jespleta l-inkarigu odjern;*

*(6) Tordna w tawtoriżża lil-espert tekniku sabiex jaqbad fiżikament kwalunkwe tgħamir elettroniku li jista jikkonsisti f'makkinarju inkluż computer desktops, laptops, servers, hard drives, pendrives inkluż kwalunkwe digital storage*

*medium li dwaru l-intimata ma tipprovdix aċċess fil-forma ta' passwords jew access keys;*

*(7) Tordna w tawtorizza lill-espert tekniku sabiex bl-asisstenza tal-marixalli tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva jisgassa kwalunkwe bieb jew serratura fejn f'każ li jiltaqa' ma xi xkiel fl-eżerċizju tal-inkarigu tiegħu;*

u dan wara li ppremetta:

1. *Illi dan huwa rikors dwar il-ħruġ ta' miżuri proviżorji sabiex jiġu preservati provi dwar allegat ksur ta' drittijiet ta' proprjeta intelletwali ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kap 488 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' software speċjalizat immens li jintuża primarjament fil-kamp tal-manifattura u product design, u li x'aktarx qed jiġi użat mingħajr awtorizazzjoni jew liċenzja mill-intimata, li timmanifattura prodotti tekniċi speċjalizati (high-tech components);*

***<u>Sfond dwar ir-rikorrenti in ġenerali</u>***

2. *Illi s-soċjeta rikorrenti Dassault Systemes SolidWorks Corporation (hawn-il quddiem riferuta bħala Dassault SolidWorks), tifforma parti mill-grupp Dassault Systèmes Group, li huwa rinomat madwar id-dinja għal-produzzjoni ta' programmi għall-computer (ossia software) li jintuża għal skopijiet ta' mmaniġjar tal-iżvilupp ta' prodotti ġodda (management of the development lifecycle of new products), magħruf fl-industrija bħala "PLM" jew "Product Lifecycle Management" software li jinkludu ditti bħal: CATIA, Delmia, Enovia, Simulia kif ukoll **<u>SolidWorks</u>**.*

***<<Ara hawn estratt anness u mmarkat bħala Dok "A1" li jinkludi s-sit elettroniku tal-grupp Dassault Systemes Group (<u>www.3ds.com</u>)***

***kif ukoll***

***Dok "A2" li jinkludi s-sit elettroniku tar-rikorrent (<u>www.solidworks.com</u>);>>***

3. *Illi b'mod partikolari, Dassault SolidWorks hija s-sid esklussiv ta' drittijiet tal-awtur madwar id-dinja fil-konfront tal-programm għall-computer, magħruf bħala **SolidWorks**, u b'daqstant tiddetjeni, drittijiet esklussivi fil-konfront ta' xogħol letterarju li jinkludi wkoll programmi għall-computer, li huwa eliġibli għad-drittijiet tal-awturi ai termini tal-artikolu 3 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, il-Kap 415 tal-liġijiet ta' Malta;*

***Sfond dwar is-software mertu tal-proċeduri odjerni***

4. *Illi l-programm għall-computer, SolidWorks, huwa tip ta' programm tan-natura CAD/CAM (Computer-Aided Design, Computer-Aided Manufacturing), li jintuża fid-disinn ta' prodotti li jippermetti l-utenti jadattaw il-manifattura ta' prodott skond l-esiġenzi ta' industrija partikolari sabiex iwettqu "simulation" ta' fażijiet industrijali diversi, fosthom il-fażi tad-disinn, assemblaġġ, produzzjoni, analiżi u l-manteniment, ossia design phase, production phase, assembly phase, production phase, analysis and maintenance phase;*

5. *Illi fi kliem sempliċi, SolidWorks huwa prodott li jippermetti l-imaniġjar ta' aspetti diversi fil-kuntest ta' prodott industrijali inkluż tpinġija, mudellar, simulazzjoni kif ukoll data management, u dan jippermetti effiċjenza ikbar sabiex tiżdied il-produttivita. Bħal ma' ditta ta' periti tuża software ta' Computer Assisted Design (CAD) sabiex tipproġetta u tiġġestixxi minn sit ta' kostruzzjoni, hekk ukoll fil-qasam tal-manifattura, utent jista' juża dan is-software SolidWorks sabiex jipproġetta u jiddisinja prodotti, aċċessorji u komponenti diversi;*

6. *Illi SolidWorks ġie żviluppat bħala software intiż apposta għad-disinn ta' apparat u prodotti mekaniċi u eletroniki, anke dawk kumplessi, u llum il-ġurnata jintuża f'oqsma diversi fosthom fl-industrija* ***ajruspazjali****, awtomobilistika kif ukoll fis-settur ta'* ***fabbriki industrijali u makkinarju****, inkluż fl-iżvilupp tal-komponenti u aċċessorji tagħhom;*

7. *Illi huwa ben magħruf fil-industrija in ġenerali ta' programmi għall-computer inkluż fl-industrija odjerna, li l-iżvilupp ta' dawn il-programmi avvanzati u tekniċi jsir fuq skala kbira u jiġu investiti ammonti kbar ta' flus f'riċerka w innovazzjoni sabiex finalment, il-programmi nfushom ikunu liċenzjati lil utenti interessati, sabiex dawn jużawhom bħala assistenza fix-xogħol partikolari tagħhom, ovjament skond in-natura tax-xogħol;*

8. *Illi huwa magħruf ukoll li dawn il-programmi għall-computer, ossia software, jiġu liċenzjati permezz ta' User License Agreement, fuq bażi ta' non-exclusive, non-transferable and non-sub-licensing use sabiex l-utent li jixtri din il-liċenzja jiġi mogħti d-dritt li juża s-software partikolari mingħajr ma jledi d-drittijiet tal-awtur tar-rikorrenti fil-konfront tas-software;*

9. *Illi l-prezzijiet ta' dawn il-liċenzji jirriflettu l-kumplessita tal-prodott innifsu kif ukoll l-investiment u r-riċerka li jirrikjedu, u ġeneralment, liċenzja waħda tkopri istanza waħda ta' programm u ċioe l-installazzjoni u l-użu fuq magna waħda, ċioe fuq computer wieħed;*

10. *Illi naturalment, entita liċenzjata tottjeni l-faċilita teknika tramite licenses u access keys, soġġetti għall-kontrolli stretti direttament minn Dassault SolidWorks tuża l-prodott tar-rikorrenti. Is-software konċernat ikun jinkludi wkoll mekaniżmu ta' sigurta magħruf bħala miżura teknoloġika effettiva ossia Technological Protection Measure (TPM) li huwa ntiż sabiex jinduna b'xi vjolazzjoni jew tbagħbis f'kopji tas-software li ma jkunux liċenzjati mir-rikorrenti (kif spjegat aħjar fl-affidavit anness u mmarkat Dok "D");*

11. *Illi miżuri teknoloġiċi effettivi fl-ambitu tad-drittijiet tal-awturi hija definita fl-Artikolu 2(1) tal-Kap 415 bħala:*

> *kull teknoloġija, apparat jew komponenti li, fil-kors normali tal-ħidma tagħhom, tkun iddisinjata biex tipprevjeni jew tirrestrinġi atti, dwar xogħlijiet jew suġġetti oħra, li mhumiex awtorizzati minn detentur ta' drittijiet tal-awtur jew dritt viċin jew drittijiet sui generis skont ma hemm provdut dwarhom b'dan l-Att.*
>
> *Miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu bħala* **"effettivi"** *meta l-użu ta' xogħol protett jew suġġett ieħor ikun ikkontrollat mid-detenturi ta' drittijiet permezz tal-applikazzjoni ta' kontroll ta' aċċess jew proċess ta' protezzjoni, dawk l-encryption, scrambling jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew suġġett ieħor jew kopja ta' mekkaniżmu ta' kontroll, li jiksbu l-objettiv ta' protezzjoni;*

12. *Dawn il-kundizzjonijiet tal-liċenzja ikunu kollha riflessi fil-kuntratt bejn SolidWorks u l-utent tas-software konċernat ossia fl-End User Licence Agreement partikolari dwar is-software konċernat, f'dan il-kuntest, hawn anness estratt ta' User License Agreement tas-software magħruf bħala SolidWorks.*

***<<Ara l-EULA hawn anness u mmarkat bħala Dok "B";>>***

13. *Illi huwa wkoll magħruf li sfortunatament, minkejja dawn it-termini u kontrolli, jeżistu diversi entitajiet li jiġu jaqgħu u jqumu minn dan kollu u jagħmlu tentattivi sabiex jottjenu tali software mingħajr liċenzja u jimplimentawh anke fl-użu tal-attivitajiet kummerċjali tagħhom anke saħansitra fuq skala industrijali, ovjament, bi ksur sħiħ tal-liġijiet applikabli;*

14. *Illi f'dan il-konfront jingħad ukoll li s-segwenti artikoli tal-liġi japplikaw lir-rikorrenti:*

   a. *Ai termini tal-Artikolu 2(1), xogħol letterarju tinkludi (g) programmi għall-computer*

b. *Ai termini tal-Artikolu 2(1), "programm għall-computer" tinkludi programmi għall-computer,jkunu xi jkunu l-mod u l-għamla tal-espressjoni tagħhom inklużi dawk li jkunu inkorporati f'hardware, interfaces li jipprovdu għall-interkonnessjoni fiżika u l-interazzjoni jew pjuttost l-interoperabilità bejn elementi ta' software u hardware u materjal ta' disinn preparatorju li jwassal għall-iżvilupp ta' programm għall-computer*

c. *Ai termini tal-Artikolu 4(1)(a), għandhom jingħataw id-drittijiet tal-awtur b'dan l-artikolu fuq kull xogħol eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur li l-awtur tiegħu jew, fil-każ ta' xogħol ta' ko-awturi, xi wieħed mill-koawturi jkun, fiż-żmien meta jsir ix-xogħol –*
*(a) individwu li jkun ċittadin ta' Malta, jew ikun domiċiljat jew residenti permanentement f'Malta* ***jew fi Stat li fih id-drittijiet tal-awtur ikunu protetti taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsieħba fih****;*

d. *Ai termini tal-Artikolu 11(2)(a) tal-Kap 415,* ***l-isem fuq xogħol li hu maħsub li jkun l-isem tal-awtur tiegħu għandu jitqies bħala tali,*** *jekk ma jiġix ippruvat il-kuntrarju;*

e. *Ai termini tal-Artikolu 42(1), ikun hemm kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini u drittijiet sui generis meta:*

i. *42(1)(a) persuna tagħmel jew iġġiegħel lil xi persuna oħra tagħmel, mingħajr liċenza mingħand il-proprjetarju jew id-detentur tagħha, xi att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat bid-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċin jew drittijiet sui generis;*

ii. *42(1)(c) persuna li, mingħajr il-liċenza tal-proprjetarju taddrittijiet tal-awtur jew tad-detentur ta' drittijiet tagħmel xi ħaġa li tqarraq* ***b'miżuri teknoloġiċi effettivi****, li l-persuna in kwistjoni tagħmel xjentement, jew ikun hemm tassew għaliex jidher li tkun xjenti, li hija tkun qed tfittex li tikseb dak l-għan;*

15. *Illi, għalkemm ġewwa Malta, m'huwa neċessarju ebda reġistrazzjoni ta' dritt tal-awtur, id-Dassault SolidWorks hija wkoll id-detentriċi ta' "Copyright Registration Certificates" fil-konfront tal-verżjonijiet tal-programmi tal-computer magħruf bħala SolidWorks, hekk kif rikonoxuti mill-Copyright Office tal-Istat Uniti ossia United States Copyright Office.*

***<<Ara estratti hawn annessi u mmarkati Dok "C">>***

***<u>Il-Fumus Boni Iuris</u>***

16. *Illi riċentament, ir-rikorrenti, permezz ta'miżuri elettroniċi kontenuti f-software tagħha stess, (riferuti hawn aktar qabel) skopriet, (permezz ta' proċedura spjegata iktar fid-dettall fl-affidavit tal-Worldwide Raid and Cyber Director tar-rikorrenti li saru numru sostanzjali ta' installazzjonijiet tal-programm għall-computer, SolidWorks ġewwa Malta;*

***<< ara l-Affidavit ta' Antonio D'Onoforio hawn anness u mmarkat Dok "D">>***

17. *Illi skond investigazzjoni spjegata fid-dettall fl-affidavit anness, dawn l-installazzjonijiet saru minn ditta magħrufa bħala "Fizoptika" assoċjati mal-indirizz elettroniku www.fizoptika.com;*

18. *Illi jidher li "Fizoptika", huwa markju (trademark) reġistrat fil-kuntest ta' servizzi ta' ingienerija, konsulenza dwar l-inġinerija u servizzi oħra relatati kif ukoll fil-kuntest ta' prodotti industrijali fosthom, gyroscopes, flight controlling apparatus, kemm f'Malta kif ukoll fl-Unjoni Ewropeja u jappartjeni lill-intimata, ċioe Sentech Malta FP Limited;*

***<<(ara ċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni hawn annessi u mmarkati bhala Dok "E" sa Dok "F" għal lista sħiħa ta' prodotti u servizzi)>>***

19. *Illi jidher ukoll li www.fizoptika.com huwa s-sit elettroniku tal-istess entita;*

***<<ara estratt elettroniku hawn anness u mmarkat Dok "G">>***

20. *Illi l-konnessjoni bejn id-ditta Fizoptika u l-intimata toħroġ biċ-ċar ukoll permezz tad-diversi profili fuq siti elettroniċi li tmantni l-istess entita intimata fosthom: (Facebook u LinkedIn), hawn anness u mmarkat Dok "H1" u "H2", u kif spjegat ukoll fl-affidavit Dok "D", kif ukoll minn filmati ppublikati online fosthom:*

a. *filmat li juri tabella ta' Fizoptika* ***(Dok "I1")***
b. *filmat li juri persuna indikata bħala "Arthur Tua",* ***(Dok "I2")*** *li huwa wkoll direttur u azzjonist ta' Sentech Malta FP Ltd* ***(ara estratt mir-reġistru tal-kumpaniji hawn anness u mmarkat Dok "J");***

21. *Illi skond informazzjoni ppubblikat online mill-intimata stess, hija nvoluta fil-manifattura ta' prodotti speċjalizati immens. Dan huwa wkoll*

*konfermat mill-Memorandum tal-intimata stess li fl-objects clause jgħid li l-intimata hija stabbilita sabiex (emfasi miżjuda):*

> *"To develop, design, produce, **manufacture**, assemble, modify, service, market, sell, export, distribute and in general trade in **high tech electronic equipment** and any related goods or products whether finished or partly finished"*

22. *Illi inoltre, individwu bit-titlu ta' Research and Development Junior Engineer, jirriklama fuq LinkedIn li huwa impjegat ma' Fizoptika, propju bir-responsabbilita tal-użu ta' SolidWorks (kif spjegat aktar fid-dettall fl-affidavit Dok "D");*

23. *Illi b'daqstant jidher biċ-ċar li l-ntimata hija nvoluta sew f' attivitajiet ekonomiċi ta' disinn u manifattura, li, jirrikjedu software speċjalizat ta' natura ta' CAM/CAD u l-użu ta-prodott bħal m'huwa SolidWorks huwa importanti jekk mhux fundamentali w essenzjali f'dan il-qasam. Illum il-ġurnata huwa mpossibli li d-disinn u manifattura ta' prodotti u komponenti kumplessi u speċjalizati speċjalment fuq skala industrijali, jigu proġettati mingħajr sistemi u software tekniċi adekwati bħal SolidWorks għax qisek qed tgħid li perit jew inġineer strutturali, jippjanta struttura mingħajr ma' juża l-computer.*

24. *Illi fil-fatt, filmat mtella mill-istess intimata juri wkoll l-istess tip ta' software riferut hawn qabel ta' natura ta' CAM/CAD hawn anness u mmarkat **Dok "I3";***

***<u>Periculum in Mora u ħtieġa ta' urġenza fuq bażi ex parte;</u>***

25. *Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-firxa tal-ksur tal-intimata, bi preġudizzju għal Dassault SolidWorks, kif ukoll jiġu stabiliti n-numru ta' kopji ta' SolidWorks li ġew riprodotti jew installati mingħajr liċenzja mill-intimata sabiex r-rikorrenti tkun tista' tmexxi kawża għall-ksur ta' drittijiet tal-awtur;*

26. *Illi għandu jiġi kkunsidrat li fil-każ ta' ksur ta' drittijiet tal-awtur fil-kuntest ta' programmi għall-computer m'hemm ebda mod ieħor ta' kif wieħed jista' jipprova li sar xi ksur, ħlief billi jiġu ordnati miżuri ntiżi sabiex jippreservaw il-provi, u dan peremzz ta' stħarriġ dirett fuq il-computers nfushom. Fil-fatt, diversi entitajiet jaħsbu u jaslu sabiex juzaw software b'impunita assoluta anke bla liċenzja għaliex jafu kemm hu diffiċli li xi ħadd bħar-rikorrenti tottjeni provi dwar dan jew tal-inqas kemm hu faċli li wieħed jagħtti dak li jkun għamel;*

27. *Illi hemm urġenza sabiex mill-aktar fis possibli mingħajr ma tkun instemgħet is-soċjeta intimata, (sabiex din ma tkunx tista' taqbad u teqred kwalunkwe evidenza), tittieħed stampa ċara ta' x' qiegħed jiġri u x' installazzjonijiet tas-software SolidWorks għandha preċiżament l-intimata fil-computers tagħha.*

28. *Illi r-rikorrenti m'għanda ebda mezz ieħor ta kif taċċerta ruħha dwar il-livell u l-firxa ta' ksur ta' drittijiet ta' proprjeta intellettwali qed jiġu mwettqa mill-intimata;*

29. *Illi huwa assolutament essenzjali li miżuri proviżorju għandhom jiġu ordnati mingħajr ebda pre-avviż lill-intimata stante l-faċilita li wieħed jeqred kwalunkwe prova ta' ksur li sar u li għadu jsir mill-intimata u dan dejjem ai termini tal-Artikolu 6(1) tal-Kap 488;*

30. *Illi b'hekk qed jintalbu miżuri li jippriservaw il-provi a bażi proviżorja quddiem dina l-Onorabbli Qorti, bħala l-Qorti kompetenti fir-rigward ta' infurzar ta' drittijiet ta' proprjeta intellettwali ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att li jirregola l-infurzar ta' drittijiet ta' proprjeta; intellettwali, il-Kap 488, inkluż dawk id-drittijiet mogħtijin taħt il-Kap 415;*

31. *Illi f'dan il-kuntest u ai termini tal-Artiklu 6(1) tal-Kap 488, dina l-Onorabbli Qorti għandha s-setgħa anke qabel ma jinbdew il-proċedimenti fuq il-mertu tal-każ, wara li jkun sar rikors bħal dan u wara li tkun ippreżentant provi raġonevolment disponnibli sabiex isostnu l-pretensjoni tagħha, tordna li jittieħdu dawk il-miżuri provviżorji immedjati u effettivi skond it-talbiet miġjuba hawn taħt;*

32. *Illi jingħad ukoll li għalkemm dina l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba toħroġ miżuri ta' natura proviżorja a bażi ex parte, għandu jiġi meqjus ukoll il-fatt li dawn il-miżuri huma sempliċiment ta' preservazzjoni ta' provi, mmirati sabiex jiġi aċċertat il-preżenza ta' programmi għall-computer mingħajr liċenzja kif ukoll informazzjoni oħra relatata li tkun tista' tassoċja is-software partikolari mal-computer innifsu.*

33. *Illi dan il-proċess m'huwa ħa jikkawża ebda dannu lill-assi tal-intimata u ma jwettaq ebda tipo ta' imblukkar jew restrizzjoni ta' xorta oħra;*

34. ***Illi sabiex jiġi mwettaq dan l-inkarigu, l-affidavit mmarkat Dok "D" jagħmel referenza għall-dokumenti entitolati ("Solidworks installation detections" u "Solidworks 2019 installation detections"), redatti mir-rikorrenti sabiex iservu bħala gwida għal nies tekniċi li ma jkunu qatt użaw il-programm SolidWorks iżda li jkollhom l-inkarigu li***

***jestrattaw informazzjoni u jiddeskrivu l-programmi għall-computer tar-rikorrenti;***

35. ***Illi dawn id-dokumenti huma ntiżi sabiex jispjegaw fatti kunfidenzjali dwar is-software tar-rikorrenti, u li m'għandhomx jinħarġu fid-dominju pubbliku, iżda huma essenzjali sabiex persuni tekniċi jkunu jistgħu jiġbru l-provi neċessarji u jespletaw l-inkarigu tagħhhom. Għaldaqstant qed jiġu preżentati permezz ta' rikors ad-hoc li qed jitlob li jiġu miżmuma kunfidenzjali u jiġu rilaxxati biss lill-esperti nkarigati u huma mmarkati Dok "PB1" u "PB2" rispettivament;***

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors, inkluz mill-affidavit ta' Antonio D'Onofrio u mid-dokumenti pprezentati ma' rikors pprezentat kontestwalment u milqugh b'digriet tal-llum stess.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrent ai termini tal-**Artiklu 6(1) tal-KAP 488** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Art. 6(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta**

*Il-Qorti kompetenti tista', ukoll qabel ma jinbdew il-proċedimenti fuq il-merti tal-każ, wara li jsir rikors minn persuna li tkun ippreżentat provi li jkunu raġonevolment disponibbli biex isostnu l-pretensjoni tagħha li d-dritt ta' proprjetà intellettwali li jkollha, ikun ġie miksur jew ikun ser jiġi miksur, tordna li jittieħdu dawk il-miżuri provviżorji immedjati u effettivi skont ma jiġu kkunsidrati li jkunu adatti sabiex jiġu preservati provi rilevanti fir-rigward tal-ksur allegat, bla ħsara għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu deskrizzjoni dettaljata, bit-teħid jew mingħajr it-teħid ta' kampjuni jew il-qbid fiżiku tal-oġġetti involuti fil-ksur u, f'każijiet adatti, tal-materjal u tagħmir li jiġu użati fil-produzzjoni u, jew id-distribuzzjoni ta' dawn l-oġġetti u tad-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu magħhom. Il-Qorti kompetenti tista' wkoll, jekk tqis li jkun hekk adatt, tordna li dawk il-miżuri għandhom jittieħdu mingħajr ma tkun instemgħet il-parti l-oħra, b'mod partikolari meta jkun hemm dewmien li x'aktarx jikkaġuna ħsara li ma tissewwiex lid-detenturi*

*tad-dritt jew fejn il-Qorti tikkunsidra li jkun hemm riskju evidenti li l-provi jkunu qegħdin jiġu meqruda.*

Il-Qorti qieset u fliet sewwa dan il-provvediment tal-ligi li fuqu hija msejjsa t-talba odjerna, u tqis is-segwenti:

a) Illi tali talba tista’ ssir anke jekk fil-mertu ghad m’hemmx proceduri;

b) Illi mar-rikors *ad hoc* bhal dan jinhtieg illi jkun hemm certu ammont ta’ provi, (mqarr dokumentali), fid-disponibilita’ tar-rikorrent, sabiex isostnu l-pretensjoni tar-rikorrenti li d-dritt ta’ proprjeta` intelletwali taghha gie miksu jew jista` jigi miksur;

c) Illi din il-Qorti tista’ tordna illi jittiehdu mizuri provvizorji immedjati u effettivi skond ma jidhrilha xieraq u adatt sabiex jkunu preservati provi rilevanti fir-rigward tal-ksur allegat;

d) Illi l-mizuri li talvolta l-Qorti tista’ tordna jinkludi deskrizzjoni dettaljata bit-tehid jew minghajr tehid ta’ kampjuni jew bil-qbid fiziku tal-oggetti involuti fil-ksur u fejn opportun, tal-materjal u tghamir li jigi uzat fil-produzzjoni u jew distribuzzjoni ta’ dawn l-oggetti u tad-dokumentazzjoni relattiva;

e) Illi tali mizuri jistghu anke jigu ordnati minghajr ma’ l-Qorti tkun semghet il-posizzjoni tas-socjeta` intimata, partikolarment jekk il-Qorti thoss illi dewmien jista’ jikkaguna hsara lid-detenturi tad-dritt jew fejn ikun hemm riskju evidenti illi l-provi jinqerdu.

Il-Qorti fliet ukoll is-sub-incizi l-ohra tal-istess Artiklu 6 tal-KAP 488, u ikkunsidrat ulterjorment illi:

1) Jekk ser tghaddi biex tilqa’ r-rikors odjern, allura ghandu jsir in-notifika lill-parti l-ohra minghajr dewmien wara l-ezekuzzjoni tal-mizuri,

2) Illi s-socjeta` intimata tista’, b’rikors, titlob ir-revizjoni tad-decizjoni hanwekk mehuda, u din it-talba tkun tinkludi anke d-dritt ghal smigh,

3) Illi jekk u fl-eventwalita' illi jsir ir-rikors mis-socjeta` intimata (jew persuna ohra affettwata) – il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar l-istess fi zmien ragonevoli,

4) Illi f'kaz illi s-socjeta` rikorrenti tinsisti bit-tkomplija tat-talba taghha, allura s-socjeta` rikorrenti jkollha tipprezenta fil-Qorti dik il-malliverija jew assikurazzjoni intiza biex tizgura li jinghata kumpens ghal pregudizzju li jista' jigi mgarrab mis-socjeta` intimata,

5) Illi jekk is-socjeta` rikorrenti ma tintavolax il-proceduri idoneji fi zmien wiehed u tletin gurnata mill-llum, ghal decizjoni fuq il-merti tal-kaz, allura is-socjeta` intimata jkollha dritt illi tavvanzaq pretensjoni ghad-danni,

6) Illi s-socjeta` intimata tista' titlob kumpens ghad-danni minn ghand is-socjeta` rikorrenti f'kaz illi tigi revokata din id-decizjoni jew is-socjeta` rikorrenti ma tavvanzax it-talbiet taghha fil-mertu jew att jew ommissjoni ohra tas-socjeta` rikorrenti li jwasslu ghall-infondatezza tal-pretensjonijiet taghha – liema danni jigu likwidati mill-Qorti,

7) Illi din il-Qorti tista' tiehu dawk il-mizuri sabiex tigi protetta l-identita` tax-xhiedha izda f'kaz bhal dan ir-rikors odjern, il-Qorti ghandha tiehu tali mizuri necessarji sabiex tippotegi l-identita' tax-xhiedha.

Il-Qorti ghamlet referenza ghal dan kollu mhux biex tispjega il-ligi fi kliemha, imma biex tesprimi il-konfort taghha fil-fatt illi hemm diversi provvedimenti illi jipprotegu lis-socjeta` intimata anke jekk jintlaqa` dan ir-rikors, partikolarment peress illi l-Qorti sejra tiddeciedi minghajr ma tkun semghet lis-socjeta` intimata (inoltre` kif permess mil-ligi), b'mizuri li jistghu jidhru jew huma hekk decizivi, immedjati u effettivi.

Fid-dawl tal-provi dokumentali mressqa mir-rikorrenti, li din il-Qorti tikkunsidra bizzejjed biex jissodisfaw il-vot tal-ligi fir-rigward ta' dak mitlub fl-Artiklu 6(1) tal-KAP 488, din il-Qorti tqis illi jkun opportun illi tapplika l-provvedimenti tal-imsemmi Artiklu tal-ligi appena citat u diskuss.

Dan ma jfissirx illi din il-Qorti qeghda b'xi mod tesprima ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet illi talvolta tista' ghad trid tavvanza is-socjeta` rikorrenti fil-mertu.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa u tal-provvedimenti relatati u hawn fuq diskussi tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

(1) **Tilqa'** l-ewwel talba u tahtar bhala espert tekniku lil Keith Cutajar, ***mail@kcutajar.com***, sabiex anke bl-ghajnuna ta' kwalunkwe persuna mqabbda minnu sabiex tassistih u takkumpanjah flimkien mal-marixxalli tal-Qorti, jwettaq l-inkarigu skond kif ordnat hawn isfel, b'dan illi l-imsemmi Keith Cutajar jibqa' l-espert tekniku nominat ghal finijiet u effetti kollha legali.

(2) **Tilqa'** t-tieni talba u tordna u tawtorizza lill-espert tekniku fuq msemmi sabiex jingħata kopja tad-dokumenti kunfidenzjali mmarkati "PB1" u "PB2" annessi separatament mar-rikors *ad hoc* li jitlob għall-kunfidenzjalita`, preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ghall-ħruġ ta' miżuri proviżorji u degretat illum stress.

(3) **Tilqa' t-tielet talba** u tordna u tawtoriżża t-teħid ta' deskrizzjoni dettaljata in ġenerali kif ukoll ai termini taċ-*checklist* annessa mar-rikors, Dok "CH1", immirata sabiex tassigura l-eżistenza ta' installazzjoni tal-programm għall-*computer* magħruf bħala SolidWorks, minn kwalkunwe makkinarju inkluż *computer desktops, laptops, servers, hard drives, pendrives* inkluż kwalunkwe *digital storage medium* li jinstab għand is-socjeta` intimata, it-twettiq ta' estrazzjoni u d-depożitu ta' kopja ta' din l-estrazzjoni f'idejn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artiklu 6(1) tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta.

(4) **Tilqa' r-raba' talba** u tordna u tawtoriżża t-teħid ta' deskrizzjoni in ġenerali kif ukoll ai termini taċ-*checklist* annessa mar-rikors, Dok "CH1", tal-makkinarju li fuqu jinstabu istanzi jew kopji tal-programm għall-computer maghruf bhala SolidWorks kif ukoll ta' mizuri teknoloġiċi li, fil-fehma tal-espert nominat, jqarrqu u jikkontravjenu miżuri teknoloġiċi effettivi intiżi sabiex jipproteġu l-programm għall-*computer,* SolidWorks mingħand l-intimata permezz ta' għodda forensika, it-twettiq ta' estrazzjoni u d-depożitu ta' kopja ta' din l-estrazzjoni f'idejn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artiklu 6(1) tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta.

(5) **Tilqa' l-hames talba** u tordna u tawtorizża lill-espert tekniku sabiex jivverifika kwalunkwe tneħħija, kanċellazzjoni kif ukoll traċċi ta' attivita` relatata kemm mal-programm għall-*computer*, SolidWorks kif ukoll ta' miżuri teknoloġiċi li, fil-fehma tieghu jqarrqu u jikkontravjenu miżuri teknoloġiċi effettivi intiżi sabiex jipproteġu l-programm għall-*computer,* SolidWorks, u dana tenut kont tar-riskju ta' tbghabis anke waqt li l-espert tal-Qorti jkun qed jespleta l-inkarigu tieghu.

*(6)* **Tilqa' s-sitt talba** u tordna u tawtorizża lil-espert tekniku sabiex jaqbad fiżikament kwalunkwe tgħamir elettroniku li jista` jikkonsisti f'makkinarju, inkluż *computer desktops, laptops, servers, hard drives, pendrives* u kwalunkwe *digital storage medium* li dwaru s-socjeta` intimata ma tipprovdix aċċess fil-forma ta' *passwords* jew *access keys.*

(7) **Tilqa' s-seba' talba** u tordna u tawtorizża minn issa, lill-espert tekniku sabiex bl-assistenza tal-marixalli tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva, jekk ikun necessarju, jisgassa kwalunkwe bieb jew serratura fejn f'każ li jiltaqa' ma xi xkiel fl-eżerċizju tal-inkarigu tiegħu.

(8) **Tirrizerva** d-drittijiet kollha spettanti lis-socjeta` intimata skond il-ligi.

**Bl-ispejjes** tal-odjerna procedura, inkluz dawk tal-espert hawnekk nominat, li jkunu provvizorjament a karigu tas-socjeta` rikorrenti, bir-rizerva illi decizjoni finali dwar l-istess tittiehed f'kaz u fl-eventwalita' illi titressaq procedura idoneja fil-mertu.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**

Imhallef

**Marisa Bugeja**

Deputat Registratur